MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2417/2003/1

**Aplan Limited**

**Vs**

**Ta' Xbiex Lapins Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm1,391.20c (elf, tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota li permezz taghha s-sorte gie ridott ghal Lm1,092.14c (elf u tnejn u disghin lira Maltin u erbatax-il centezmu).

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Simon Galea Testaferrata li kkonferma li l-ammont bilancjali ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1,092.14c (elf u tnejn u disghin lira Maltin u erbatax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------